# IL-FAQAR FIL-MIRA TAL-BAĠITS TAL-GVERN



EDWARD SCICLUNA / Ministru tal-Finanzi



Il-ġimgħa l-oħra, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) ħareġ l-aħħar figuri u indikaturi relatati mal-faqar għas-sena 2014 u parzjalment ukoll hemm xi indikaturi għas-sena ta' wara.

Kulħadd ikun qiegħed jistenna dawn il-figuri, speċjalment għax għandna Gvern li hu kommess li jwaqqa' r-rata tal-faqar u n-numru ta' persuni li sfortunatament ikunu f'dan l-istat.

Bħalma għidt fil-konferenza stampa eżatt malli tħabbret din l-istatistika, jiena kont inkun sorpriż li kieku n-numri ma kinux pożittivi bħalma fil-fatt kienu. Għaliex? Għax fil-pjan tal-Gvern, il-miżuri kollha sa mill-ewwel sena u mill-ewwel baġit tiegħu kienu u għadhom ippjanati li joħolqu x-xogħol u fl-istess ħin ikattru l-ġid għal kulħadd. Iż-żieda fix-xogħol, fil-ġid, u fid-dħul saret biex tgħin lil dawk il-familji li jaqilgħu l-inqas biex jintrefgħu mid-diffikultajiet li kienu jesperjenzaw. Illum-il ġurnata forsi qegħdin ngħidu aktar minn qabel, li se nkunu qegħdin nikkonċentraw fuq is-saff ta' isfel.

L-istatistika dwar il-faqar turi li dawk li kienu f'riskju ta' faqar jew inklużjoni soċjali kienu jammontaw għal ftit inqas minn 100,000 persuna fl-2012. Issa l-istatistika qiegħda turi li fl-2014 waqgħu b'5,000 persuna. Tajjeb li nfakkar li l-faqar waqaf jiżdied wara biss disa' xhur minn meta beda ħidmietu dan il-Gvern. Jiġifieri fl-2013, għall-ewwel darba, ġew irreġistrati persuni fil-faqar jew f'riskju ta' faqar daqs kemm kien hemm is-sena ta' qabel. Issa xi ħadd jgħidlek, imma dan huwa progress? Iva, għax ir-rata u numru ta' persuni u familji fil-faqar kienet ilha tiżdied mill-2004 għal sena wara oħra sal-2012. Kien grazzi għall-miżuri bħall-qtugħ tat-taxxa u l-inċentivi li għamilna lin-nisa biex joħorġu jaħdmu, li l-faqar waqaf jiżdied fl-2013. Din kienet aħbar inkoraġġanti.

Il-figuri tal-NSO qegħdin juru li fl-2014, fuq kull front, li issa l-faqar beda nieżel. Tajjeb li niftakru li dawn il-figuri ma jinkludux l-2015 u l-2016, fejn f'dawn is-sentejn ittieħdu aktar miżuri mmirati biex jgħinu lill-pensjonanti għax jgħollulhom il-pensjoni minima u saru diversi miżuri oħrajn bħall-inwork benefit, fejn persuni li jaħdmu u jaqilgħu l-paga minima nazzjonali u għandhom it-tfal jiġu mgħejjunin.

L-impatt ta' dawn il-miżuri u oħrajn għad irridu nħossuhom u l-effett tagħhom se jkun li jkompli jżid ma' dik l-imbottatura 'l isfel fl-għadd ta' persuni li qegħdin jesperjenzaw il-faqar, u b'hekk naraw li l-faqar se jkompli jonqos b'mod sinjifikanti fil-ħames snin ta' din il-leġiżlatura.

Fost l-indikaturi, insibu li persuna tkun f'riskju ta' faqar jekk iddaħħal inqas minn 60% tad-dħul medju nazzjonali. Però, xi tfisser li tkun f'riskju ta' faqar? L-ewwel nett irridu niftakru li jeżistu diversi ċirkostanzi fil-ħajja, ċirkostanzi ta' qgħad, mard u oħrajn li jikkontribwixxu għad-dħul baxx ta' familja. Dan ifisser li mhux kull persuna minn dawk it-98,000 jew 97,000 bil-fors huma attwalment fil-faqar.

Però aktar minn hekk ħarġu wkoll xi indikaturi għall-2015, u din id-darba ma kinux dwar punti perċentwali u dħul, iżda kienu aktar diretti. Dawn huma l-għadd ta' familji li kienu mċaħħdin minn xi wieħed jew aktar minn disa' indikaturi li meta familja tgħid li hija mċaħħda minn numru sew minnhom, wieħed jista' jgħid li l-familja tgħix fil-faqar.

Fost l-indikaturi għandna jekk familja tistax taffordja btala ta' darba fis-sena. Dan ma jfissirx li bilfors din il-familja trid issiefer. Indikatur ieħor huwa jekk familja tistax taffordja li tixtri appliance bħal ma hija magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ, jew jekk taffordjax tixtri televiżjoni tal-kulur, jew mowbajl, jew karozza, jekk taffordjax li l-membri tagħhom jieklu laħam jew ħut għall-inqas darba iva u darba le. Dawn huma indikaturi li huma diretti u hemmhekk rajna kambjament kbir pożittiv.

Nerġa' ntenni li l-figuri l-oħrajn għad iridu joħorġu, però l-ewwel indikaturi għal 2015, huma pożittivi u jirriflettu dak li konna qegħdin nistennew.

Fil-Ministeru tiegħi, dak tal-Finanzi, għandna wkoll studji xjentifiċi li bihom aħna nkunu nistgħu nippjanaw il-baġit li jmiss. Jiena persważ li dawn il-miżuri li qegħdin nippjanaw se jolqtu l-aħjar is-saff ta' dħul ta' isfel f'pajjiżna. Dan il-Gvern huwa kommess li f'dawn il-ħames snin, l-ewwel nett naraw tkabbir kbir. Issa dan huwa ċar għal kulħadd għax qiegħed jarah kulħadd, li pajjiżna għandu rata baxxa ħafna ta' qgħad, anzi fil-fatt hija l-aktar baxxa fl-Unjoni Ewropea. Tajjeb li nirrepeti ċerti fatti biex inkunu ċari.

Li ma kienx ċar u issa qed jiġi kkonfermat mill-istatistika u ngħid għalija mingħajr ebda sorpriżi, hu li dak li l-pjani tal-Gvern qegħdin iseħħu u r-riżultati qegħdin narawhom b'għajnejna. Il-ġid verament qiegħed jinfirex bil-mod, il-mod. Fejn qabel konna drajna li kull sena jiżdiedu n-nies fil-faqar, jew f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, dan il-Gvern irnexxielu jdawwar ir-rotta u issa qegħdin naraw ilkoll kif dan l-għadd beda jinżel 'l isfel. Nisperaw li sena d-dieħla nkunu nistgħu nħabbru aktar figuri pożittivi fejn jindikaw b'mod ċar li l-miri tal-Gvern f'dan il-qasam qegħdin jintlaħqu.